UFFIĊĊJU PARROKKJALI, PARROĊĊA MOSTA
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA. MST 2015
TEL: 21433826
Sit uffiċċjali: www.mostachurch.com
Paġna ta' facebook: mostaparish

28 ta' Marzu 2025

Lill-Eċċellenza Tiegħu Reverendissima
Monsinjur Charles J. Scicluna
Arċisqof Metropollita ta' Malta.

134/2025

**Rikors biex tiġi rranġata l-kappella fl-Oratorju Marija Immakulata**

Eċċellenza,

L-Oratorju Marija Immakulata, hu ċentru pastorali, li fih jiltaqgħu numru kbir ta' tfal bniet u tfajliet. Hemm wkoll grupp ta' nisa regoralment jiltaqgħu għall-formazzjoni nisranija, talb u attvitajiet oħra. F'dan l-Oratorju jiltaqgħu wkoll l-Azjoni Kattolika u l-grupp ta' talb. Fih issir ukoll il-preparazzjoni tal-magħmudija u jsiru diversi laqgħat u seminars ta' natura pastorali. Din is-sena jaħbat il-50 anniversarju mill-ftuħ ta' dan l-post ta' formazzjoni nisranija. Il-grupp li jieħu ħsieb dan l-Oratorju jixtieq li għal din l-okkażżjoni jirranġa l-kappella u jagħtiha dehra ġdida li tappella aktar għat-tfal u ż-żgħażagħ tagħna. Ix-xewqa tal-membri tal-grupp hi li permezz ta' din il-kappella jkabbru fit-tfal u ż-żgħażagħ il-ħeġġa għat-talb.

F'isem il-membri tal-Oratorju qed nippreżenta disinn tal-pjan kif inhu maħsub li tiġi din il-kappella, kif wkoll abbozz tal-istained glass li se tkun fiċ-ċentru tal-kappella. L-ispiża għal dan il-proġett se tkun ta' madwar €5000. Il-grupp diġa' għandu dan l-ammont miġbur, li ġew minn attivitajiet li għamlu, donazzjonijiet li jingħatawlhom u minn għotja li l-kapitlu tal-katidral kien għamel lil dan l-oratorju biex iżommu dan il-post fi stat tajjeb.

Il-kunsill pastorali u l-kunsill ekonomiku jaqblu li jsir dan ix-xogħol.

F'isem il-membri tal-Oratorju nitolbok li tikkonsidra u tilqa' din it-talba, biex huma jkunu jistgħu jaħdmu fuq il-proġett u jitlesta sal jum tal-anniversarju li jaħbat fit-12 ta' Awwissu 2025.

Filwaqt li nitlob il-barka tiegħek,
Nirringrazzjak ta' kollox.

Dun Sebastjan Caruana
Arċipriet.

Sigilium Paroeciae Assumptionis B.M.V. Mustae Melitae

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 25 t'April 2025
Charles Buġeja, Kanċillier

UFFIĊĊJU PARROKKJALI, PARROĊĊA MOSTA
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA. MST 2015
TEL: 21433826
Sit uffiċċjali: www.mostachurch.com
Paġna ta' facebook: mostaparish

28 ta' Marzu 2025

Lil min tikkonċerna,

Il-Kunsill Ekonomiku Parrokkjali jaqbel li jsir il-proġett tal-kappella tal-Oratorju Marija Immakulata. Il-kunsill iqis li l-ispiża hi waħda raġonevoli u l-fatt li diġa' għandhom l-flus miġbura għal dan il-proġett jagħmilha aktar possibli li jsir b'mod immedjat.

Graceann Mifsud
Segretarja tal-KEP

UFFIĊĊJU PARROKKJALI, PARROĊĊA MOSTA
15, TRIQ IL-KNISJA, MOSTA. MST 2015
TEL: 21433826
Sit uffiċċjali: www.mostachurch.com
Paġna ta' facebook: mostaparish

24 ta' Marzu 2025

Lil min tikkonċerna,

Il-Kunsill pastorali parrokkjali jabel li tiġi rranġata l-kappella tal-Oratorju Marija Immakulata. Il-kunsill jara li dan il-proġett jista' jgħin lil kull min jifrekwenta l-Oratorju billi jgħinhom jikbru fir-relazzjoni tagħhom mal-Mulej fit-talb.

M. Tanti

Michael Tanti
Segretarju tal-KPP


GYPSUM BOARD [4470 x 2710]
All measurements are approximate & in mm
Scale 1:20
min. 900
1500 position need to be discussed.
min. 1300
STAINED GLASS PROPOSAL FOR ORATORJU [MOSTA]
WALL
LIGHT
STAINED GLASS STRUCTURE
GYPSUM BOARD
CROSS STRUCTURE WITH FLUTED GLASS.
SIDE ELEVATION
[NOT PROPORTIONAL]
mild steel structure

LEFT SIDE OF THE ALTAR WALL







CHAPEL LAYOUT

RIGHT SIDE OF THE ALTAR WALL







FRONT ELEVATION OF WALL A




CHAPEL LAYOUT




CEILING LIGHTING LAYOUT




FRONT ELEVATION OF WALL A


ostja kalċi
fjuri


ostja kalċi
fjuri



